B 2143

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 20,959, 15 ta' Novembru, 2022
Taqsima B

A.L. 280 tal-2022

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

Ir-Regolamenti tal-2022 biex jemendew ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 74 (5) u 75 (6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn ir-regolamenti magħmula mis-Senat tal-Università ta' Malta bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 75 (3) u 79 (b) ta' dak l-Att:

It-Titlu

1. Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu bħala r-Regolamenti tal-2022 biex jemendaw ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad, u għandhom jinqraw u jinftiehmu bħala ħaġa waħda mar-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad tal-2021, ippubblikati bħala Avviż Legali 371 tal-2021, li minn hawn 'il quddiem jissejħu "ir-regolamenti prinċipali".

L-Applikabilità

2. Dawn ir-regolamenti għandhom japplikaw mill-1 ta' Settembru, 2022 'il quddiem.

L-Emenda għar-regolament 66 tar-regolamenti prinċipali

3. Minflok il-paragrafu (5) tar-regolament 66 tar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"(5) Il-Bord tal-Eżaminaturi m'għandux jagħti perjodu ta' aktar minn tliet xhur żmien biex student jagħmel korrezzjonijiet estensivi fil-każ ta' Dissertazzjoni li tkun bejn li l-istudent jgħaddi jew jeħel, u mhux aktar minn sitt xhur żmien biex student jirranġa u jerġa jippreżenta id-Dissertażżjoni għal valutazzjoni mill-ġdid wara li jkun weħel, irrispettivament jekk l-istudent ikun irreġistrat fuq bażi *full-time* jew *part-time*, sakemm ma jkunx hemm raġunijiet validi li għandhom ikunu mniżżla fir-rapport tal-Bord tal-Eżaminaturi."

L-Emenda għar-regolament 73 tar-regolamenti prinċipali

4. Fil-verżjoni tal-Ingliż, fil-paragrafu (2) tar-regolament 73 tar-regolamenti prinċipali, il-kliem "and unless the Bye-Laws for the course do not provide for the granting of an award in a specified area" għandu jiġi mibdul għal "and unless the Bye-Laws for the course provide for the granting of an award in a specified area".

5. Il-paragrafu (3) li ġej għandu jidħol wara l-paragrafu (2) tar-regolament 73 tar-regolamenti prinċipali:

"(3) L-istudenti li ma temmewx il-programm kollu tal-grad qabel Ottubru tal-2021 u li jissodisfaw dan ir-regolament, għandhom id-dritt li jitolbu biex jiġu mogħtija l-Postgraduate Certificate in General Studies jew il-Postgraduate Diploma in General Studies, kif applikabbli, *ex gratia*, sakemm li dawn ir-rikonxximenti ma jingħatawx retroattivament."